**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 607/2018**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Mario Sciberras)**

**vs.**

**Shaun Caruana**

Illum 29 ta' Ottubru 2020

Il Qorti:

Rat li tressaq Lill **Shaun Caruana** ta' 23 sena detentur tal- karta tal- identita **0157695(M**) Mwieled fil- Pieta nhar it- 08 ta' April 1995 iben Raymond Cruana u Mary Ann Zerafa u residenti fil- fond Nru: 50, St. Michael Tril-il- Lampuka, Paola.

Billi inti akkuzat talli nhar 09 ta' Settembru 2017 bejn l ghaxra u nofs ta' filghodu u il- hamsa u nofs ta' wara nofs in nhar (10:30 hrs – 17:30 hrs) gewwa Triq San Publju, Floriana u f' dawn il- Gzejjer;

1. Bil- hsieb li taghmel delitt li ma giex ezegwitt minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta tieghek, tajt bidu ghall-ezekuzzjoni sabiex tikkommetti serq minn gewwa vettura tal-ghamla Nissan bin- numru tar- registrazzjoni LNR724 li kienet ipparkjata fil Floriana liema serq huwa aggravatt bil- mezz, bil valur u bix- xorta tal- haga misruqa.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassart, jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' vettura bin-numru tar-registrazzjoni LNR724 tal-ghamla Nissan ghad-dannu ta' Larner Mizzi, liema hsara ma tiskorrix aktar minn mitejn u hamsin euro (€250) izda tiskorri tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29).

3. U aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi ksirt il-providementi tal –Artikolu 7 tal- Kap 446 tal- ligijiet ta' Malta imposti fuqhekk b' sentenza tal- Qorti tal- Magistrati (Malta) Magistrat Dr. J. Mifsud LLD datata 10 ta' Gunju 2016 liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

4. U aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi ksirt il- providementi tal -Artikolu 7 tal- Kap 446 tal- ligijiet ta' Malta imposti fuqek b' sentenza tal- Qorti tal- Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LLD datata 02 ta' Mejju 2016 liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

5. Finalment nakkuzah ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini ta' l Artikoli 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal- ligijiet ta' Malta permezz ta' diversi sentenzi moghtija fil- konfront tieghu, mill Qrati ta' Malta liema sentenzi huma definittivi w ma jistghux jinbidlu.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tas-7 ta' Jannar 2019, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, sar l-ezami ta' l-imputat fejn wiegeb li mhuiex hati ta' l-imputazzjonjiet dedotti kontrieh.[1]

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[2]

Rat li fl-udjenza tas-17 t'Ottubru 2019 il-partijiet iverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' lix-xhieda prodotti.[3]

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi ttrattata bi procedura sommarja[4]:

---

[1] Folio 28 ta' l-atti processwali
[2] Folio 427-429 ta' l-atti processwali
[3] Folio 116 ta' l-atti processwali
[4] Folio 16 ta' l-atti processwali

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar is-17 ta' Ottubru 2019.

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar id-9 ta' Lulju 2020.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jittrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tad-29 ta' Lulju 2020.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz immur lura ghal nhar id-9 ta' Settembru 2017 meta gie rapport minn certu Larner Mizzi li xi persuna ppruvat tidhollu fi u tisgassalu l-karozza sabiex tisirqu u kkagunatlu l-hsara fil-process. Mill-investigazzjoni tal-pulizija irrizulta li kien l-imputat u sussegwentement ressquh sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2019 xehed **l-Ispettur Mario Xiberras**, stazzjonat fis-CID. Huwa spjega kif nhar is-17 ta' Settembru 2018 beda jinvestiga kaz dwar attentat ta' serq minn vettura LNR724 fejn il-vittma, certu Larner Mizzi, kien ghamel rapport gewwa l-Ghassa tal-Belt fid-9 ta' Settembru elfejn 2017 li fl-imsemmija data fil-10:45hrs kien ipparkja l-vettura tieghu x'hin rega' mar lura ghall-habta tal-17:30hrs sab xi hsarat fil-*wind breaker* u ghafsa fuq il-bieba ta' quddiem tal-lemin. In segwitu tar-rapport, kienu marru ufficjali tal-forensika sabiex jaghmlu ezamijiet ghal impronti digitali. Minn dawn l-investigazzjonjiet instabu xi *palm marks* u impronti digitali minn fuq il-vettura li qablu ma dawk tal-imputat Shaun Caruana. Ix-xhud stqarr li fil-kors tal-investigazzjoni kien baghat ghall-imputat Shaun Caruana sabiex ikellmu fejn wara li rrifjuta l-jedd ghall-assitenza legali, huwa kien qal li ma jiftakar xejn peress li kien ilu 'l fuq sena, inkluz jekk jafx lil Larner Mizzi u jekk jafx fejn qieghda Triq San Publju, il-Furjana hdejn MiddleSea Insurance. Lanqas ma wiegeb dwar il-fatt li kienu nstabu l-marki tas-swaba tieghu fuq il-post.

Fl-istess seduta xehed **PS 336 Francesco Imbroll**, stazzjonat gewwa t-Taqsima Forensika, li stqarr li nhar id-9 ta' Settembru 2017 kien gie nfurmat mill-Ispettur Daryl Borg li kienet ser tintbaghat vettura LNR724 tal-ghamla Nissan sabiex isiru ezamijiet forensici fuqha. Ix-xhud ikkonferma illi din il-vettura kellha t-twieqi ftit imnizzla minn taht il-*wind*

*breaker*. Ix-xhud ghamel ezamijiet permezz ta' powders u pniezel rispettivi fejn huwa gibed ritratti tal-*lifters* li rrizultaw.

Fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2019 xehed **PS 90 Jeffrey Gerada** li stqarr li nhar it-18 ta' Settembru 2018 kien assista lill-Ispettur Mario Xiberras rigward serqa rrapurtata fid-9 ta' Settembru 2017 minn vettura LNR724. L-Ispettur kien kellem lil Shaun Caruana fejn dan kien irrifjuta d-dritt li jkellem Avukat. Shaun Caruana kien ghazel li ma jwegibx ghad-domandi. Ix-xhud spjega li sid il-vettura kien gab stima tal-hsarat fejn l-ammont involut kien ta' cirka €400.

Fl-istess seduta xehed ukoll **Larner Mizzi** li kkonferma li kien ghamel rapport mal-Pulizija dwar attentat ta' *break in* fil-vettura tieghu LNR724 tat-tip Nissan Qashqai. Huwa kien sab ksur fil-*wind-breaker* u sab ukoll hafna idejn u *finger prints* mat-twieqi tal-vettura. Skont ix-xhud ma kienx hemm affarijiet ta' valur maghluqa fil-vettura apparti l-i*stereo*. Dakinhar tal-incident huwa kien ipparkja l-karozza tieghu il-Furjana hdejn il-MiddleSea Insurance ghall-habta tal-10:00hrs u halliha hemm sal-17:30hrs. Skont hu, minn stimi li gab, l-ispiza rikjesta sabiex tissewwa l-hsara kagjunata hija ta' €400.16.

Fl-istess seduta xehed ukoll **Stephen Cachia**, ufficjal tal-Awtorità ghat-Trasport f'Malta li kkonferma li l-vettura LNR724 hija tal-marka Nissan Qashqai ta' kulur griz u hija registrata fuq Larner Mizzi, u dan sa mit-3 t'Awwissu 2015.

Fl-istess seduta xehed ukoll **PC 1134 Daniel Agius**, stazzjonat l-Għassa tal-Belt Valletta fejn huwa kkonferma illi nhar id-9 ta' Settembru 2017 huwa rċieva rapport mingħand ċertu Mizzi Larner fejn dan qal li ppruvaw jisgassawlu l-karrozza fi Triq San Publju, il-Furjana. Huwa kien ipparkja l-vettura tiegħu fl-istess ġurnata għall-ħabta tal-10:45hrs u induna ftit qabel ma għamel ir-rapport għall-ħabta tas-19:00hrs. Minn naħa tiegħu, ix-xhud beda jħejji r-rapport u mar jispezzjona l-ħsara fil-karrozza fejn innota *wind breaker* imkissra tal-bieba tan-naħa tax-xufier u kif ukoll qisu xi ħadd ipprova jillieva l-bieba, però minn ġewwa ma nsteraq xejn. Ix-xhud innota ukoll xi marka tal-idejn mal-ħġieġ u allura talab lill-kwerelant sabiex imur bil-vettura għand it-Taqsima Forensika sabiex isiru eżamijiet għall-marki tas-swaba. Minn dak il-punt il-każ baqa' jiġi segwit mill-uffiċjali tas-CID.

Fis-seduta tal-11 t'April 2019 xehed **Joseph Mallia**, espert dwar il-marki tas-swaba maħtur mill-Qorti. Huwa spjega li fis-seduta tas-6 ta' Frar 2019 kien ġie awtorizzat sabiex jieħu kopja tal-marki tas-swaba u tal-pali tal-idejn tal-imputat Shaun Caruana. Ġie awtorizzat ukoll jiritra l-impronti li kienu elevati mill-uffiċjali tat-Taqsima Forensika minn fuq il-vettura *de quo* u dan sabiex jagħmel eżerċizzju komparattiv. Skont ix-xhud, mill-eżerċizzju li għamel, irriżulta li kien hemm qbil identiku ta' parti mill-pala tal-id xellugija, tas-subgħa tan-nofs tal-id xellugija kif ukoll parti mill-pala tal-id leminija ma dawk tal-imputat.

Fis-seduta tas-17 t'Ottubru 2019 xehed **PC 1191 Jonathan Galea**, stazzjonat fis-CID fejn iddikjara li huwa qed jagħraf lill-imputat fl-awla u

li huwa kien prezenti meta l-imputat gie mitkellem. Ikkonferma ukoll li l-imputat kien ghazel li ma jkellimx avukat.

Fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2020 xehdet **Maria Mifsud**, *probation officer*, li kkonfermat illi hija preparat *social inquiry report* fir-rigward tal-imputat Shaun Caruana. Skont ix-xhud l-ezercizzju ma kienx wiehed facli minhabba li Shaun Caruana huwa persuna maghluqa u sabha difficli li jitkellem fuq episodji passati. Ix-xhud spjegat li ilha taf lill-imputat minn meta dan kellu sbatax-il sena. In vista tal-fatt li l-imputat trabba man-nanna materna, ix-xhud xtaqet tintervistaha ukoll izda l-imputat ma xtaqx sabiex din ma titghabbiex bil-problemi tieghu. Jidher ukoll li sa minn età tenera, l-imputat spicca jghix go diversi istituti fejn tghallem ftit hiliet akkademici bazici meta kien fl-Istitut ta' St Patrick. Mill-intervisti mal-genituri tal-imputat, irrizulta illi huma ma tantx kienu jafu informazzjoni dwar binhom. Biss ukoll, il-genituri spjegaw, li huma stess, fil-passat, kellhom xi diffikultajiet. Rigward l-aspett tad-droga, l-imputat stqarr li ta' disa' snin huwa beda jabbuza mill-gass tal-*lighters*, eventwalment, huwa progressa fl-abbuz tal-kokajina, erojina, sintetika u kannabis. Jidher ukoll li l-imputat gieli ghamel uzu minn sustanzi illeciti ankè gewwa l-habs stess. Madnakollu, l-ahhar rizultat posittiv li kien hemm ghad-droga kien fit-2018. Ghalkemm matul is-snin l-imputat gieli wera sinjali ta' progress fit-triq it-tajba, skont ix-xhud, l-imputat ghandu bzonn jahdem hafna fuq l-aspett ta' personalità tieghu, partikolarment l-emozzjonijiet u r-repsonsabilità. Bhala pjan ta' kura, importanti li l-imputat jibqa' jigi mghejjun, sabiex eventwalment, jiehu responsabilità fuq il-problema ta' droga u jahdem fuq l-aspetti profondi, sabiex huwa, ma jibqax imwahhal fuq *issues* tal-passat u jkun jista' jimxi 'l quddiem.

Jista' ukoll jibbenefika minn programm residenzjali, sabiex jahdem fuq l-aspett ta' droga.

**Ikkunsidrat**

**Grad tal-prova fi proceduri penali għas-sejbien ta' ħtija**

Il-prosekuzzjoni trid dejjem tipprova sal-grad rikjest mil-ligi kemm l-element materjali kif ukoll dak formali tar-reati in ezami. Dan ma jfissirx li l-prosekuzzjoni ghandha tipprova l-elementi kostituttivi tar-reati mertu tal-imputazzjoni sal-grad tac-certezza assoluta, izda dejjem sal-grad lil hinn minn kull dubju ragonevoli.

Fis-sentenza **Pulizija vs Marco Farrugia, Kevin Galea u Marcel Mizzi**[5], ghalkemm fuq reat differenti, il-Qorti tal-Appell tghallem hekk:

> *"Issa, pero', gja' la darba huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali, il-Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ukoll ghall-konkluzjoni li t-tlett appellanti, jew min minnhom anke separatament, intenzjonalment jew volontarjament*

[5] Appell Kriminali (Inferjuri) 284/2000 PV; 31.05.2001

*ghamlu dak l-att materjali li wassal ghar-reat jew reati in kwistjoni, jew jekk fizikament ma ghamluhx huma, ghall-anqas setghux mic-cirkostanzi ragjonevolment ikunu jafu li qed issir dik l-attivita' fil-hanut in kwistjoni li jappartjeni ghas-socjeta' li huma d-diretturi taghha, u, b'dan kollu,* ***ghalkemm kienu konsapevoli ta' dan, jew setghu ragjonevolment ikunu konsapevoli ta' dan, ma ghamlu xejn sabiex jwaqqfu dik l-attivita'****. Fi ftit kliem, din il-Qorti trid tara jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel hi, liema ezercizzju ma taghmlux sabiex tissostitwixxi dak li ghamlet l-ewwel Qorti, in bazi ta' dawk il-provi, setghetx l-ewwel Qorti ragjonevolment u legalment tasal sabiex tikkonkludi li t-tlett appellanti, jew min minnhom, kellu din il-konsapevolezza, din l-intenzjoni kriminuza tant rikjesta, apparti l-aspett materjali."*

*"Sabiex wiehed ikun sodisfatt li dan l-element formali kien jezisti fit-tlett appellanti, jew f'xi hadd minnhom, il-Prosekuzzjoni* ***ghandha l-oneru li tipprova sal-grad tal-konvinciment morali li l-appellanti, jew min minnhom, kienu ben konxji li qed issir dak …[ir-reat]… u, b'dan kollu, ikkonkorrew u ghenu fil-ksur tal-ligi billi hallewh isir.****"*

Oltre dan il-htija tirrizulta meta mill-provi tkun tirrizulta l-istess htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Fil-kawza **Pulizija vs Paolo Farrugia** huwa risaput li *"hija regola tal-procedura kriminali li l-prova trid tkun shiha u soddisfacenti"*[6] u li, bhala principju fondamentali tal-process gudizzjarju fil-kamp penali, il-

[6] Appell Kriminali (inferhuri), 1.8.1959

provi migjuba jridu jwasslu ghal sejbien ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni, *"u jekk jezisti dak id-dubju, dan imur favur l-akkuzat"*.[7]

Illi fil-kaz **Pulizija vs Lans John**[8] gie ritenut li *"fil-kamp penali kull dubju dettat mir-raguni ghandu dejjem imur favur l-imputat"*.

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**[9] ghamlet ukoll riferenza ghall-ispjegazzjoni tal-espressjoni *"beyond reasonable doubt"* moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension (1974 – ALL Er 372):** *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Joseph Muscat**[10]

> *'Illi l-prosekuzzjoni ghadnha l-obbligu li tipprova il-kaz taghha lil hin min kul dubbju dettat mir-raguni. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-*
>
> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

---

[7] Vide f'dan is-sens (**Repubblika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena** (Appell Kriminali (Superjuri) 5.12.2012; u **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**, (Appell Kriminali (Superjuri) 5.7.2002.

[8] Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) deciza 21/2/2002

[9] deciz 5/12/1997

[10] deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' April 2017

*Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat mhux tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' beyond reasonable doubt would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."'*

Il-Qrati taghna jikkonkludu li l-istess jghodd ukoll ghal provi indizjarji. Anke dawn ghandhom iwasslu ghal prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Ghalhekk, sabiex tinstab htija fil-kamp penali, ma hemmx il-htiega li l-provi jkunu biss dawk diretti izda, anke meta ma jkunux, il-prosekuzzjoni trid dejjem tipprova l-kaz taghha sal-grad mehtieg. Ghalhekk, sabiex tinstab il-htija, provi indizzjarji jridu jkunu univoci u jwasslu ghall-konluzjoni wahda biss u cioe' il-htija.

Kif jinghad fis-sentenza **Il-Pulizija (Spettur Joseph Busuttil) vs Rupert Buttigieg** (deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-11 ta' Lulju 2019):

*"Huwa mportanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader' hemm referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen**' [1952] AC 480, 489.*

*It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

*Għalhekk kif intqal fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- ħamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawża fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Gauci et**', li:*

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics.*

*Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u ndividwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir- reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.*

*Din il-Qorti fortunatament qieghda f'posizzjoni vantaggjuza meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghalkemm il-process ma kienx quddiemha minn dejjem, kienet hi li ghexet il-process u semghet ix-xhieda kollha tul medda ta' zmien u cioe' tisma' viva voce l-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla l-kredibilita' u veracita' tax-xhieda prodotti quddiemha specjalment dawk li xehdu in kontro-ezami."*

B'hekk isegwi li jekk il-provi jistghu iwasslu ghal aktar minn konkluzjoni wahda, u jpoggu lill-Qorti f'salib it-toroq, tali provi ma jistghux jitqiesu bizzejjed fil-kamp kriminali sabiex iwasslu ghall-htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Dwar dan, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Robert Vella) (Spettur Ramon Mercieca) vs Omissis, Kenneth Borg**[11] fejn gie kkunsidrat:

> *"12. Illi dawn id-divergenzi kollha qatt ma setghu iwasslu ghall-konkluzzjoni li kien hemm ftehim komuni bejn Caruana u l- appellant sabiex issir din is-serqa. L-ewwel Qorti sabet li kien hemm prova wahda diretta konsistenti filli Caruana ghaddiet ic-curkett lill- appellant. Dan wahdu ma ghandux ikun kondicenti ghal sejbien ta' htija tant illi l-Qorti strahet fuq il-provi indizzjarji. Opportunement ikun mfakkar izda illi l-provi indizzjarji jew hekk imsejjha cirkostanzjali huma biss ta' siwi meta jkunu univoci u jippuntaw f'direzzjoni wahda. Fil-kaz odjern, dawn l-indizzji huma karenti minn din il-kwalita u konsegwentement ma thossx, din il-Qorti, li setghet ragjonevolment u legalment tinstab htija fl-appellant mill- Qorti tal-ewwel grad;"*

Anke fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija Spettur Neil Harrison Vs Simeon Nicholas Sultana**[12] gie kkunsidrat:

> *'Illi in vena legali l-Qorti tosserva li sabiex il-prova indizzjarja twassal ghas-sejbien ta' hitja, trid tkun* ***cara u univoka*** *fis-sens li twassal* **necessarjament,** *u f'kuntest ta' dak li hu* **ragjonevoli**, *ghall-htija tal-imputat. Fi kliem iehor, l-elementi ta' prova kostitwenti l- prova*

[11] Deciza Appell Kriminali 27/3/2017
[12] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' gudikatura kriminali fl-1 ta' Novembru 2001

*indizzjarja jridu jkunu bazati fuq* ***cirkostanzi provati li, interpretati b' mod ragjonevoli, ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni ohra ghajr dik tas-sejbien ta' htija****. Multo magis meta din tkun l-unika prova li fuqha l-prosekuzjoni qeda isserrah il- kaz taghha. F' kaz li l-elementi ta' prova jistghu ragjonevolment jwasslu ghal konkluzjoni li ma tkunx is-sebien ta' htija, allura ghandha tapplika l-massima 'in dubbio pro reo' u cioe' li dan id-dubbju ragjonevoli ghandu jmur favur l-imputat.'*

**Ikkunsidrat**

**Ir-reat ta' serq**

Illi l-imputat huwa akkuzat ta' attentat ta' serq liema attentat ta' serq huwa aggravat bil-valur, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

Id-definizzjoni ta' serq li giet segwita fil-gurisprudenza Maltija hija dik adottata mill-Carrara li tigbor fiha l-elementi kollha tas-serq; jigifieri l-kontrettazzjoni doluza ta' oggett li jappartjeni lil haddiehor akkwistat b'mod frawdolenti bil-hsieb li jaghmel il-qliegh mir-res furtiva[13]. Infatti skond il-Professur Mamo din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita'ta' hames elementi li lkoll iridu jigu sodisfatti sabiex il-gudikabbli jigi misjub hati. Dawn l-elementi huma:

1. *The contrectatio of the thing;*
2. *Belonging to others;*
3. *Made fraudulently;*

[13] *'La contrattazione doloza della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro'.*

4. *Without the consent of the owner;*
5. *Animo lucrandi.*

L-aggravji tas-serq kontestati f'dan il-kaz huma elenkati fl-artikolu 261 tal-Kodici Kriminali li jinkludu l-aggravju tal-mezz, tal-valur u tal-haga misruqa. Dawn qed jissemmew specifikament u limitatament minn din il-Qorti in vista tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra l-imputat u li jinkorporaw biss dawn l-aggravji.

Skond il-Kodici Kriminali l-aggravju tal-mezz li jista jsir b'diversi modi wkoll skond kif senjalati fl-artikolu 263, 264 u 265 tal-istess Kodici, jinkludi meta jkun hemm sgass, ksur jew skalata sabiex issir access fil-post li jkun ser jinsteraq.

Il-valur jaggrava s-serq skond dak dispost fl-artikolu 267 u li jirrizulta jekk il-valur tal-oggett misruq jeccedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94).

Illi skont l-artikoli ta' l-Avukat Generali gew indikat li dan is-serq huwa ikkwalikat bl-agravju tal-mezz in vista tal-fatt li skond il-ligi sar bi ksur ta' gewwa jew ta' barra, b'imfietah foloz, jew bi skalata.

**Ikkunsidrat**

**L-ewwel imputazzjoni**

L-imputat tressaq ta' attentat ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, liema serq ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu u dan wara li ta bidu ghall-

ezekuzzjoni sabiex jikkometti is-serq minn gewwa vettura tal-ghamla Nissan bin-numru LNR 724 li kienet ipparkjata fil-Floriana.

Mill-provi ta' l-ufficjal prosekutur li kien qed jinvestiga l-kaz irrizulta li kienu instabu xi *palm marks* minn fuq barra u **gewwa** l-vettura in kwistjoni li gew identifikati li huma ta' l-imputat stess. Illi dan gie wkoll ikkonfermat minn PC1134 D. Agius li kien attenda fuq il-post ta' l-incident.[14]

Mix-xhieda tal-vittma Larner Mizzi irrizulta *"li sibt il-karozza mhux kwazi kif hallejtha ghax sibt ksur fil-wind visor u sibt hafna idejn u finger prints mal-hgieg u mal-hgieg tal-passigier u mal-hgieg tieghi personali, tad-driver."*[15]

Illi dawn gew ikkonfermati mix-xhieda ta' PS 336 Francesco Imbroll irrizulta li mar fuq il-post sabiex isiru ezamijiet forensici ta' impronti digitali, li sussegwentement esebihom u pprezenta rapport.[16]

Mir-rapport irrizulta diversi marki ta' swaba u ta' palma li gew elevati minn fuq il-vettura.

Illi dawn l-impronti digitali u l-marki tal-pali tal-idejn gew ikkomparati max-xhud Joseph Mallia u irrizulta mir-rapport[17] minnu esebit illi

*"li uhud ma kienux tajbin ghall-fini ta' komparzzjoni, ohrajn li kienu tajbin ghall-fini ta' komparazzjoni u ma qablux ma ta' Shaun Caruana pero kien hemm id-dokument 302, 301 niskuza ruhi kien jaqbel u ghalhekk kien identiku u huma parti mil-pala ta' id ix-xellugija tal-istess Shaun Caruana. Id-dokument 302 kien fih zewg impronti wahda minnhom ma kienetx tajbin ghal fini ta' komparazzjoni*

[14] Folio 98 ta' l-atti processwali
[15] Folio 80 ta' l-atti processwali
[16] Dok FI, Folio 31-39 ta' l-atti processwali
[17] Dok JM, Folio 110 ta' l-atti processwali

*pero l-oħra kienet taqbel u għalhekk ġiet magħmula mis-subgħa tan-nofs tal-id ix-xellugija tal-istess Shaun Caruana u d-dokument 304 kien ukoll jaqbel u għalhekk kien identiku ma parti tal-pala tal-id il-leminija tal-istess Shaun Caruana."*[18]

Il-vittma ikkonferma wkoll in-numru u d-dettalji tal-vettura bhala "*LNR724 Nissan Qashqai TenPlus.*". Ix-xhud Stephen Cachia ikkonferma li din il-vettura hija registrata fuq Larner Mizzi.[19]

Mil-provi prodotti jirrizulta li l-istqarrija[20] ta' l-imputat ittiehdet nhar is-17 ta' Settembru 2018, gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, Belt, Valletta fl-ufficju ta' l-Ispettur Mario Xiberras fil-prezenza ta' PS90 J. Gerada.

Illi wara li l-imputat inghata il-jedd li qabel ma issirilu xi investigazzjoni jithalla, kemm jista jkun malajr, jitkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imbwicc jew bit-telefon, jew fil-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha, iddikjara, li qed jirrinunzja milli jezercita dan id-dritt.[21]

Illi fl-istqarrija l-imputat ma jammettix ghal-akkuzi dedotti kontrih u ghazel li jew ma jwegibx jew iddikjara li ma jiftakarx. Fl-istess stqarrija jghid li f'dan il-perjodu ta' zmien kellu vizzju tad-droga u kien indigenti.

Il-prosekuzzjoni fis-sottomissjonijiet finali taghha taghmel referenza ghal-kawzi **Il-Pulizija vs Pierre Buttigieg**[22] u **Il-Pulizija vs Anthony Abela**[23] li jistabilixxu illi l-prova ta' l-impronti digitali wahidha hija prova

[18] Folio 108-109 ta' l-atti processwali
[19] Dok SC1, Folio 95-97 ta' l-atti processwali
[20] Folio 104 ta' l-atti processwali
[21] Folios 103 ta' l-atti processwali
[22] Qorti tal-Appell Kriminali, Imhallef Joseph Galea Debono, 17 ta' Settembru 2000
[23] Deciza 28 ta' Mejju 1998

sufficjenti sabiex tissodisfa l-oneru tal-prova wahediha u li biha tista twassal ghall-htija tal-persuna akkuzata.

Illi mill-ezami tal-provi jirrizulta li l-prosekuzzjoni qed isejjes il-kaz taghha fuq il-fatt li instabu l-impronti digitali u marka tal-palma ta' l-imputat fuq barra u fuq gewwa tal-vettura. Ma jirrizultax li qed jigi ikkontesta li dawn il-marki fil-fatt jappartjenu ghall-imputat. Madankollu d-difiza tikkontendi li ma jirrizultawx provi bizejjed sal-grad rikjest mill-ligi biex jinstab hati.

Il-Qorti tara li dawn l-impronti digitali u marka tal-palma ma irrizultawx fuq xi post pubbliku jew fuq xi oggett li fuqhom jintmessu minn hafna nies. Jispicca l-fatt li dawn l-impronti u l-marki instabu **gewwa** l-vettura. Dawn instabu fuq vettura privata li allura iqajjem il-mistoqsija ghalfejn instabu dawn l-impronti u marki fuq din il-vettura, kemm gewwa u barra bil-konsegwenza li gie ikkagunat hsara li l-istess vettura. Jirrizulta wkoll li l-vittma ma kienx jafu lill-imputat u allura ma jistax jinghad li dawk l-impronti u marki saru a konoxxenza tieghu u bil-kunsens tieghu u ma kellu ebda raguni ghalfejn ikollu l-impronti u marki tal-palma tal-imputat fuq gewwa l-vettura.

Skond Blackstones Criminal Practice jghid:

*"Properly presented fingerprint evidence has long been accepted as providing sufficient identification but, in a case which depends wholly on such evidence, it is clearly essential that the defendant is linked to the relative prints by admissible evidence."*

Skond Archbold:

*"A person may be identified by fingerprints alone;* ***R v Castleton***

Illi dan il-principju jinstab fis-sentenza **Il-Pulizija vs Emanuel Camilleri**[24] fejn inghad:

*"hemm kazijiet fejn il-prova tal-fingerprints wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza."*

Illi kif gie sottomess ma hemm ebda prova ohra kontra l-imputat hlief l-impronti digitali u l-marki tal-pala fuq il-vettura. Din il-Qorti, flimkien mal-hsara il gie ikkagunat tqis li ghaliha din hija prova determinant u sufficjenti li torbot mar-reat ta' attentat ta' serq. Prova indizjara wahda, jekk tkun univoka u ma taghti lok ghall-ebda spjegazzjoni ohra ghajr dik tal-htija tal-akkuzat, tista' tkun bizejjed biex fuqha biss tinstab dik il-htija.

Illi din il-Qorti tqis li m'hemmx dubju li kien hemm sgass tal-vettura tal-vittma u hija wkoll moralment konvinta li l-intenzjoni kienet dik ta' serq. Il-fatt li ma ttiehed xejn, jew li ma nstab xejn mill-aggressur ma jfissirx li ma kienx hemm dik l-intenzjoni. Madankollu, din il-Qorti tqis li l-aggravju tal-valur ma giex soddisfacjentement ipprovat.

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li ezaminat il-provi kollha prodotti tqis li l-kaz tal-prosekuzzjoni gie ppruvat sal-grad rikjest mill-ligi u din il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat ghandu jinstab hati ta' din il-akkuza, izda aggravata bil-mezz u bix-xorta tal-haga biss.

**Ikkunsidrat**

**It-tieni imputazzjoni**

[24] Deciza 30 ta' Gunju 1998

L-imputat tressaq talli ghamel hsara volontarja fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni LNR724 tal-ghamla Nissan ghad-dannu ta' Larner Mizzi, liema hsara ma tiskorrix aktar minn mitejn u hamsin Euro, izda tiskorri l-ghoxrin Euro u disgha u ghoxrin centezmu.

L-artikolu 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali jghid:

> (1) *Kull min, b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijinfl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament iħassar,jagħmel ħsara jew igħarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jewimmobbli, jeħel, meta jinsab ħati –*
>
> *(ċ) jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri l-mitejn u ħamsin euro (250), il-piena ta' priġunerija għal perjodu li ma jaqbiżx is-sitt xhur;*

Il-vittma Larner Mizzi ikkonferma li l-hsara li saritlu fil-karozza tieghu tammonta ghal erba mitt Euro u sittax-il centezmu. F'dan ir-rigward ix-xhud esebixxa *Survey Report*[25] minn ghand l-Elmo Insurance li jikkonferma li l-ammont ta' hsara jammonta ghal €400.16.[26] L-istess rapport jikkonferma wkoll li d-data ta' l-incident kienet id-9 ta' Settembru 2017.

Mill-provi jirrizulta illi l-quantum tal-hsara jeccedi dak espressament indikat fit-tieni imputazzjoni u, ghalkemm huwa minnu li fl-ambitu ta' proceduri sommarji hemm inqas rigidita' fil-formalitajiet minn proceduri ohra din il-Qorti tqis li hija ma tistax tmur lil hin minn dak li testwalment l-imputat gie akkuzat bih fit-tieni imputazzjoni.

It-tieni akkuza tikontjeni ir-reat indikat fl-artikolu 325(1)(c). Filwaqt li mill-provi jirrizulta li dak applikabli kellu jkun l-artikolu 325(1)(b). Il-

---

[25] Folio 83-92 ta' l-atti processwali

[26] Folio 84 ta' l-atti processwali

prosekuzzjoni minn naha taghha ma talbitx ghal-korezzjoni fl-imputazzjoni wara li giet esebita l-prova relattiva tal-quantum tal-hsara li kienet teccedi dak indikat fit-tieni imputazzjoni.

Dan ma jfissirx pero li din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati tal-hsara volontarja skont l-artikolu 325. Il-paragrafi (a) sa (d) ta' l-artikolu 325(1) qeghdin hemm biex jikkalibraw il-piena applikabli u mhux biex joholqu reati individwali u separati. Madankollu din il-Qorti ma tistax tinjora li t-tieni imputazzjoni hija ristretta biss ghat-test tal-paragrafu (c) tal-artikolu 325(1) u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tmur lil hinn minn dik il-piena indikata fl-istess paragrafu. Peress illi mill-provi jirrizulta li l-hsara volontarja certament li tilhaq l-ammont ta' mitejn u hamsin Euro, l-imputat ghandu jinstab hati, izda bil-piena stabillita fil-artikolu 325(1)(c).

Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tghaddi sabiex issibu hati tat-tieni imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**It-tielet imputazzjoni**

L-imputat tressaq talli kiser il-provedimenti tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta impost fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Dr. J. Mifsud LLD data 10 ta' Gunju 2016 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbiddel.

Il-prosekuzzjoni esebit il-komparixxi bis-sentenza relattiva miktuba *di proprio pugno* mill-Magistrat li ippresjeda l-kawza u mill-istess jirrizulta li s-sentenza inghatat nhar il-10 ta' Gunju 2016.[27] Id-difiza fis-

[27] Folio 40-41 ta' l-atti processwali

sottomissjonijiet taghha ikkontendiet li s-sentenza in kwistjoni lanqas biss giet esebita mill-proksekuzzjoni u ghalhekk ma jistax jigi misjub hati ta' l-imputazzjoni relattiva. Jirrizulta pero, kif diga inghad, illi s-sentenza hija miktuba bl-idejn fuq l-istess komparixxi u ma jirrizultax li l-istess giet appellata. Ghaldaqstant din il-Qorti tqis is-sentenza miktuba *di proprio pugno* fuq il-komparixxi bhala wahda valida ghal-finijiet ta' din l-imputazzjoni u sejra tghaddi sabiex issibu hati ta' din il-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Ir-raba' imputazzjoni**

L-imputat tressaq talli kiser il-provediment tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta impost fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Dr. Claire Stafrace Zammit LLD data 2 ta' Mejju 2016 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbiddel.

Il-prosekuzzjoni esebit is-sentenza relattiva.[28]

Peress li jirrizulta li t-terminu tal-ordna ta' probation kien ghadu ghaddej fid-data tal-imputazzjonijiet odjerni, anke din l-imputazzjoni tirrizulta ppruvata u l-Qorti sejra tghaddi sabiex issibu hati ta' din il-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**L-addebitu tar-recidiva**

Illi l-imputat gie akkuzat ukoll li f'kaz ta' htija jitqies li huwa recidiv taht l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

[28] Folio 42-44 ta' l-atti processwali

Illi l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali fuq piena fil-kaz ta' recidiva ta' serq jghid:

*"(1) Fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-sub-titolu, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi.*

*(2) Meta ż-żieda fil-piena ma tistax issir ħlief billi tiġi mogħtija l-piena tar-reklużjoni, din il-piena tista' tingħata satmintax-il perijodu.*

Il-prosekuzzjoni esebit l-fedina penali ta' l-imputat.[29] Il-fedina penali ta' l-imputat hija voliminuza u refrattarja u tindika sentenzi simili ghal dawk li l-imputat diga tressaq bihom.

Illi f'dan ir-rigward il-prosekuzzjoni ressqet hames sentenzi. Illi ghandu jinghad li erbgha mis-sentenzi li gew esebiti fil-konfront tal-imputat kienu dwar serq u l-ahhar wahda kienet dwar hsara volontarja.

Illi fir-rigward is-sentenza esebita ta' l-14 ta' Settembru 2017[30] l-imputat kien gie misjub hati ta' numru sostanzjali ta' serqiet u gie ikkundannat ghal piena karcerarja ta' tlett snin u nofs.

Illi fir-rigward is-sentenza esebita tas-16 ta' Novembru 2012[31] l-imputat kien gie misjub hati ta' serq u gie ikkundannat ghal disa' xhur prigunerija.

Illi fir-rigward is-sentenza esebita tal-5 ta' Novembru 2012[32] l-imputat gie misjub hati ta' serq u tqighed taht ordni ta' *probation* ghal perjodu ta' tlett snin. Illi f'dan il-kaz sentenza fejn il-persuna jinghata piena skont il-

[29] Folio 4-15 ta' l-atti processwali
[30] Folio 45-52 ta' l-atti processwali
[31] Folio 53-55 ta' l-atti processwali
[32] Folio 56-58 ta' l-atti processwali

Kapitolu 446 ma jistax jitqies li huwa recediv. F'dan ir-rigward bizzejjed wiehed jara s-sentenza **Il-Pulizija vs Christopher Agius** moghtija mill-Imhallef David Scicluna fil-Qorti tal-Appell nhar is-17 ta' Settembru 2004 u l-kawza **Il-Pulizija vs Stephen Zahra**[33] liema sentenza tghid li la darba s-sentenza mghottija hija ta' Ordni ta' Probation jew jigi liberat bil-kundizzjonijiet dawn ma jikkostitwixxu kundanna u ma jistghu jittiehdu ai fini tal-addebitu tar-recidiva

Illi fir-rigward is-sentenza esebita tas-6 ta' Lulju 2015[34], l-imputat gie misjub hati ta' serq u gie ikkundannat prigunerija ghal perjodu ta' sitta u ghoxrin xahar u sittax il-xahar prigunerija rispettivament.

Illi fir-rigrward is-sentenza esebita tas-16 ta' Gunju 2017,[35] l-imputat gie ikkundannat sentenza sospiza u multa.

Illi fir-rigward dawn is-sentenzi l- Qorti tara li l-konnotati tal-imputat jaqblu ma dawk ta' l-imputazzjonjijiet kif ukoll mal-fedina penali.

Ghaldaqstant mill istess verbali tas-seduti ma jirrizultax li kien hemm ezenzjoni ta' l-ufficjal prosekutur sabiex jikkonfermaw dawn is-sentenzi. Madankollu l-Qorti xorta tqis is-sentenzi in kwistjoni bhala validi in vista tal-fatt li l-konnotati jaqblu ma dawk ta' l-imputat.

L-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali huwa applikabbli *"fil-kazijiet ta' recidiva..."* u peress li r-recidiva kif definita skont l-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali tirrikjedi li l-persuna koncernata *"tkun giet ikkundannata ghal reat..."* persuna li tigi ikkundanata prigunerija (anke jekk is-sentenza hija

[33] Qorti tal-Appell Kriminali, Onor. Imhallef David Scicluna; Deciza 30 ta' April 2008
[34] Folio 59-70 ta' l-atti processwali
[35] Folio 71 ta' l-atti processwali

sospiza) ghandha titqies bhala persuna recidiva u ghalhekk ladarba hemm recidiva skont l-artikolu 49 u 50 hemm recidiva skont l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali u ghalhekk is-sentenza dwar serq taghti lok ghal zieda tal-piena taht l-artikolu msemmi.

Ghalhekk il-Qorti tara li l-addebitu tar-recidiva giet sufficjentement ipprovata u l-imputat ghandu jitqies li huwa recidiv ghal fini tal-artikoli 49 u 50. Stante li xi sentenzi minnhom esebiti kienu jittratta fuq serq f'dan il-kaz l-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jigi applikat u cioe' jaghti lok ghal zieda fil-piena skond l-istess disposizzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Il-difiza fl-udjenza tas-6 ta' Frar 2020 kienet talbet li jigi mhejji *Social Inquiry Report*.[36] F'dan ir-rigward kienet xehdet l-ufficjal tal-probation Maria Mifsud u esebit Dok MM1.[37]

Mir-rapport irrizulta li l-vittma jixtieq li l-akkuzat irid jitghallem mill-izbalji tieghu, jaghmel programm sabiex jindirizza l-abbuz tad-droga u jsib impjieg halli ma jergax jaqa fic-cirku tas-serq.

L-imputat kellu trobbija difficli, instabbli u iebsa, bi problemi socjali, finanzjarji u personali sostanzjali, u trabba min-nanna materna u go numru ta' istituzzjonijiet. Ta' sittax il-sena kien itella' l-Qorti u minn dak iz-zmien l-hawn qatt ma rriforma ruhu. Ta' eta' zghira beda jabbuza bid-

[36] Folio 119 ta' l-atti processwali
[37] Folio 129-176 ta' l-atti processwali

droga u l-imputat spicca jfendi ghal rasu u jghix bla direzzjoni jew stabilita f'hajtu.

Illi minn ezami tas-sentenzi moghtija fil-konfront ta' l-imputat jirrizulta li hu inghata diversi opportunitajiet matul il-medda tas-snin sabiex jirabilja ruhu u jintegra ruhu gewwa s-socjeta.

Madankollu meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta dina l-Qorti ma tistax tinjora l-fedina penali volimuniza ta' l-imputat, iktar u iktar meta tqis li l-imputat ghadu ta' eta zghira. L-imputat mhux talli huwa recidiv, izda sahansitra anke kiser l-ordnijiet impost minn Qrati ohra. L-imputat donnu ma jridx jirriforma hajtu ghalkemm inghata diversi opportunitajiet mill-Qorti sabiex jaghmel dan u dina l-Qorti temmen illi l-imputat ghandu bzonn serjament jindirizza l-imgieba tieghu f'dan ir-rigward sabiex jaqbad it-triq tar-riforma u eventwalment jerga jintegra b'mod produttiv fis-socjeta'. Din il-Qorti ghalhekk, in vista li huwa evidenti li l-imputat kiser il-fiducja moghtija lilu diversi drabi, kif ukoll ghaliex ghandha r-responsabilita' tara li s-socjeta tigi salvagwardjata mill-atti kriminali tieghu, tqis li ghandha timponi piena karcerarja effetiva fuqu.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(g), 263, 264(1), 265, 267, 271(g), 278(3), 279(a), 280(2), 325(1)(c), 49, 50, 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u fl-artikoli 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Shaun Caruana hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tikkundannah prigunerija

effettiva ta' tmien (8) xhur u filwaqt li l-Qorti tikkonferma z-zewg Ordnijiet ta' *Probation* in kwistjoni, taghzel li ma titrattax mar-reati li taghhom l-imputat kien inghata l-Ordinijet tal-*Probation* a tenur tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Trattament, liema ordni qieghda issir ghall-perjodu ta' tliet (3) snin sabiex (1) jinghata assistenza psikologika sabiex ikun jista jindirizza t-trawmi li ghadda minnhom fil-passat u li kellhom impatt fuqu, (2) jindirizza l-problemi tad-droga li ghandhu.

Il-Qorti tordna wkoll li l-hati jigi ssorveljat minn ufficjal tal-Probation u Parole ghal perjodu ta' tlett snin u li ghandu jikkoordina mad-Direttur tal-Habs sabiex waqt li l-hati ikun qieghed jiskonta din il-piena ikompli bit-trattament mehtieg b'mod immedjat u jassistih wara li jkun skonta l-perjodu ta' prigunerija.

Il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li waqt li l-hati jkun fil-perjodu ta' inkarcerazzjoni, u safejn jaccetta l-istess hati, jigi offrut u jinghata kull opportunita possibli sabiex itejjeb il-livell ta' edukazzjoni tieghu u/jew jitghallem sena li eventwalment jghinnuh jintegra ruhu fil-hajja tax-xoghol u s-socjeta.

**Moghtija illum nhar id-29 ta' Ottubru 2020 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**